# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 201/2015**

Il-Pulizija

vs

**Anthony Seisun**

iben Carmel, imwieled Pieta', detentur tal-karta ta' l-identita' numru 412870(M)

Illum, 13 ta' Settembru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Anthony Seisun quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fis-17 ta' Novembru 2014, meta ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas jagħti lil martu Priscilla Seisun u/jew lil ibnu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bill-kuntratt bħala manteniment għalihom fi żmien 15 il-jum minn dak il-jum li fiħ skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, kellha titħallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-22 ta' April, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u ikkundannatu xahar detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Anthony Seisun ipprezentat fl-4 ta' Mejju, 2015 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi tat-22 ta'April, 2015 in kwantu l-appellant nstab ħati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u tilliberaħ minn kull imputazzjoni u ħtija, u alternattivament u fl-eventwalita` li l-Qorti ssib ħtija, tirriformha kwantu għal-piena.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

1. Illi l-esponenti qed iħossu aggravat b'din is-sentenza u qed jinterponi dan l-appell.

2. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, l-appellant jissottometti li s-sentenza mogħtija hija nieqsa milli tgħid l-artikolu li tiegħu huwa ġie misjub ħati u dan *inter alia* ai termini tal-artikolu 382 tal-Kap 9 li jgħid:

*"Il-Qorti, meta tagħti sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u issemmi l-artikolu ta' dan il-kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."*

3. Illi in oltre kif jirrizulta mill-komparixxi, li qegħda tiġi annessa, s-sentenza tgħid biss is-segwenti kelmiet cioe' "*xahar detenzjoni*" mingħajr l-ebda dikjarazzjoni ta' ħtija o meno tal-imputat u lanqas ma huma ndikati l-artikoli tal-liġi li tagħhom ġie misjub ħati l-appellant.

4. Illi ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Emanuel Azzopardi et, fejn intqal illi:

*'Skont ġurisprudenza paċifika tal-Qorti tal-Appell Kriminali, l-inosservanza ta' xi wieħed ir-rekwiżiti tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jammonta għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428(3) tal-imsemmi Kodiċi, bil-konsegwenti nullita' tas-sentenza jew ta' parti minnha skont il-każ. Tali nullita' hija sollevabbli 'ex ufficio'.'*

5. Illi in oltre, s-sentenza fl-ismijiet il-Pulizija vs George Camilleri deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar is-16 ta' Ġunju, 1995, l-Qorti kkonklidiet illi:

*"l-indikazzjoni żbaljata tal-artikolu tal-liġi li jikkontempla r-reat li tiegħu persuna tkun ġiet misjuba ħatja, ġie dejjem ekwiprarat fil-ġurisprudenza man-nuqqas ta' tali indikazzjoni għall-finijiet tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali. Dan hu nuqqas ta' formalita` sostanzjali li jġib bħala konsegwenza n-nullita` tas-sentenza appellata w is-smiegħ mill-ġdid fil-mertu tal-Qorti tal-Appell Kriminali fit-termini tal-artikolu 428(3) tal-imsemmi kodiċi."*

6. Illi bla preġudizzju għas-suespost l-Ewwel Qorti skarta id-difiża li qajjem ir-rikorrenti tal-impossibilta tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt. Illi l-prinċipju legali 'Ad Impossibilia Nemo Tenetur' għandu japplika fil-każ odjern. Minkejja l-fatt illi l-kuntratt kien għadu mhux varjat u b'hekk il-klawżoli tiegħu kienu għadhom jorbtu, il-fatt illi r-rikorrenti spiċċa maqful il-ħabs mingħajr ebda possibilta li jaqla l-flus sabiex ikun jista' jħallas il-manteniment, jagħmel l-eżekuzzjoni tal-kuntratt impossibli.

7. Illi barra minn hekk is-sentenza (mhux uffiċjali) preżentata mill-appellant lill-Ewwel Qorti turi illi l-kuntratt ta' firda personali sar eżegwibbli mill-ġdid fis-17 ta' Marzu 2015. B'hekk qabel din id-data, partikolarment fid-data tal-akkuża, dan il-kuntratt ma kienx eżegwibbli. In vista ta' dan l-appellant ma kienx obbligat li jagħti l-manteniment stipulat stante l-kuntratt ma kienx eżegwibbli.

8. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħazin tal-fatti kif ukoll tal-liġi għas-segwenti ragunijiet:

9. L-artikolu 338 (z) li tiegħu l-appellant jassumi li nstab ħati jgħid testwalment hekk: "meta hekk ordnat minn xi qorti jew hekk marbut b'kuntratt jonqos li jagħti lil xi persuna, is-somma ffissata minn dik il-qorti jew stipulata fil-kuntratt bħala manteniment għal dik il-persuna fi żmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma". B'hekk l-elementi tar-reat in diżamina u li jridu jiġu ppruvati mill-prosekuzzjoni sal-grad rikjest mil-liġi f'kawżi kriminali huma tlieta (3) u ċioe':

1. Illi l-appellant huwa marbut b'kuntratt jew b'ordni tal-Qorti;

2. Illi l-appellant huwa ordnat li jħallas somma determinata bħala manteniment; u

3. Illi l-appellant naqas milli jagħti din is-somma fi żmien ħmistax il-jum li fih, skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma.

10. Illi jiġi umilment sottomess illi skont id-duttrina nostrana, fil-kamp kriminali, il-prosekuzzjoni trid tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni, u f'dan il-każ quddiem l-Ewwel Qorti, **l-ebda prova ma nġabet ta' l-obbligi ta' l-appellant billi ma ġiex eżebit kuntratt ta' separazzjoni jew ordni tal-Qorti.**

11. Illi l-elementi tar-reat li dwaru l-appellanti qiegħed jinterponi dan l-umli appell skond il-ġuriprudenza kostanti tal-Qorti tal-Appell Kriminali hekk kif espressa fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Raymond Cutajar" deċiza fit-2 ta' Settembru, 1999 huma:-

*"għall-finijiet tal-imsemmi art. 338(z) hu biżżejjed li l-prosekuzzjoni tipprova:*

*1. li ngħata ordni minn Qorti ghall-ħlas ta' manteniment (**billi ġġib kopja legali tad-digriet bħal ma sar f'dan il-każ, jew kieku si tratta ta' ordni kontenut f'sentenza, kopja legali tas-sentenza relattiva.)(***Enfasi ta' l-esponenti)

2. *li dak il-manteniment ma tħallasx fi żmien ħmistax (15) il-jum minn dak il-jum li fiħ skont l-ordni, kellha titħallas is-somma".*

12. Illi di piu l-Kodiċi Kriminali, Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fl-artikolu 638 subinċiż (1) jgħid illi "*bħala regola, għandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa w sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti .....*"

13. Illi l-qorti speċjalment f'każijiet bħal dawn dejjem insistiet li għandha tinġieb kopja legali tas-sentenza jew kopja awtentika tal-kuntratt ta' separazzjoni skond il-kaz.

14. Illi fil-kaz odjern u kif ingħad aktar 'l fuq ma ġiex preżentat kuntratt jew ordni tal-Qorti.

15. Illi għaldaqstant f'dan il-każ allura l-ewwel żewġ (2) elementi tar-reat li dwaru l-appellant nstab ħati ma ġewx ippruvati.

16. Illi aggravju ieħor ta' l-appellant jirrigwardja il-fatt illi l-Ewwel Qorti naqset milli tidentifika kunflitt bejn il-provi u l-akkuża maħruġa. Fl-Affidavit tiegħu, il-Kuntistabbli C. Borg PC 1526 jgħid illi l-appellant naqas li jagħti l-manteniment għax-xahar ta' Ottubru 2014. Mill-banda l-oħra l-appellant ġie akkużat talli għad-data ta' 17 ta' Novembru 2014 naqas milli jagħti l-manteniment dovut.

17. Minħabba il-fatt illi ma ġie preżentat l-ebda kopja tal-kuntratt ta' firda personali, il-qorti ma kenitx f'pożizzjoni meta huwa paggabbli l-manteniment. B'hekk f'każ illi l-pagament huwa paggabbli fil-bidu tax-xahar, il-kawża odjerna hija waħda preskritta. Dan għaliex il-Pulizija Eżekuttiva naqqset milli tniżżel id-data tan-notifika u b'hekk b'applikazzjoni tal-prinċipju *favor rei* d-data tan-notifika għanda tkun id-data tas-smiegħ, it-22 ta' April 2015. Allura f'dan il-każ isegwi illi s-sitt xhur previsti mill-artikolu 338(z) għaddew u b'hekk il-kawża hija waħda preskritta.

18. Illi sussidjarjament, u mingħajr preġudizzju għal dak kollu fuq suespost, l-appellant jissottometti li f'każ illi din il-Qorti ma taċċettax l-aggravji suriferiti, l-piena li ġiet applikata fil-każ odjern hija waħda eċċessiva, u ħarxa u dan kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni tal-każ. L-appellant jħoss li għandu jkun hemm temperament fil-piena li tieħu kont taċ-ċirkostanzi tal-każ.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tat-13 ta' Settembru, 2016 dehret il-parte civile li ddikjarat li l-appellant hallas dak kollu dovut u ma ghandha ebda interess f'dan l-appell.

Ghaldaqstant, tichad l-appell ta' Anthony Seinsun fil-meritu u tikkonferma s-sentenza appellata ta' htija. Dwar il-piena. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok il-piena ta' xahar detenzjoni tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur mil-lum.